MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2587/2000/1

Citazzjoni Numru. 2587/2000/1

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Dismar Company Limited u Mark Sargent personalment u solidalment mas-socjeta` konvenuta**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` Lm3910.81,0 (tlett elef, disa’ mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu), prezz ta’ merkanzija varja lilha mibjugha u kkonsenjata fil-hanut Stop `n Save Supermarket, Constitution Street, Mosta;

Illi l-konvenut personalment assuma l-obbligu tal-hlas;

Illi l-kovenuti baqghu indadempjenti nonostante diversi interpellazzjonijiet gahll-hlas;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti in vista tal-premess m`ghandhiex:

Tikkundannahom solidament ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont fuq imsemmi ta` Lm3910.81,0 (tlett elef, disa` mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu) prezz ta` merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata kif fuq intqal;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati kawtelatorji ta` Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, bl-imghaxijiet legali, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Sargent fejn gie eccepit:-

Illi l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi dan id-dejn mhuwiex dovut mill-konvenut personalment;

Illi l-konvenut Mark Sargent ma kellux il-kunsens tal-mara sabiex jidhol ghall-dawn l-obbligi tal-hlas ghal-liema obbligi l-attur messu gab il-kunsens taghha;

Illi dan l-ammont huwa dovut interament minn Dismar Company Limited;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Mark Sargent debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici u lill-knvenut;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbval tas-seduta tal-25 ta Novembru 2002;

Ikkonsidrat:

Jigi mill-ewwel rilevat li s-socjeta konvenuta hi kontumaci. In effett it-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tal-istess socjeta konvenuta u ghalhekk dawn ghandhom jigi akkolti;

Is-socjeta attrici hi ghalhekk kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' tlett elef, disa` mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm3910.80) prezz ta` merkanzija varja lilha mibjugha u kkonsejata fil-hanut Stop `n Save Supermarket, Constitution Street, Mosta. Is-socjeta attrici ukoll tipretendi li l-konvenut personalment assuma l-obbligu ta' dan il-pagament;

F'dan ir-rigward is-socjeta attrici tghamel referenza ghal-dokument li hu mgharuf bhala "Credit Application Form" li gie ffirmat personalment mill-konvenut u li gie esibit f'dawn il-proceduri (fol.19). Dan id-dokuemt jiehu l-forma ta' applikazzjoni mghamula mill-konvenut personalment sabiex ikollu kont mas-socjeta attrici u s-socjeta attrici tikkoncedilu zmien ghal hlas ghar-rigward tal-oggetti kollha li huwa jixtri minnghand is-socjeta attrici liema

oggetti kienu ser jinbieghu mill-imsemmi hanut "Stop 'n Save" fil-Mosta liema hanut hu operat mis-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici accettat din it-talba u gie koncess zmien sabiex isiru l-hlasijiet kollha relattivi;

Il-konvenut Sargent ghal din il-pretensjoni tas-socjeta attrici qed jeccepixxi li l-ammont in kwestjoni mhux dovut minnu personalment. Inoltre l-konvenut jeccepixxi li huwa ma kellux il-kunsens tal-mara tieghu sabiex jidhol ghall-dan l-obbligu u s-socjeta attrici messa l-ewwel ottjeniet il-kunsens tal-mara tal-konvenut. Finalment il-konvenut jghid li dan l-ammont huwa dovut interament mis-socjeta konvenuta Dismar Company Limited;

Mill-imsemmi dokument a fol.19 jirrizulta sufficjentement li l-konvenut personalment obbliga ruhu versu s-socjeta attrici li jhallas l-ammont in kwestjoni. Dak kollu li qal il-konvenut fir-rigward ta kif u ghaliex huwa iffirma dan id-dokument mhux ghal kollox kredibbli. Difatti l-konvenut jghid li huwa ffirma d-dokument in kwestjoni mnghajr ma kien jaf precisament ghal xix kien qed jiffirma. Inoltre ffirmah bl-ghagla. Huwa qal li ma giex spjegat lilu dak li ghalih huwa kien qed jiffirma u lanqas ma gie spjegat lilu li huwa kien ukoll qed jiffirma ghan-nom tal-mara tieghu. Huwa jgid li ma kienx jaf li kien qed jaghmel tajjeb ghad-debiti tas-socjeta konvenuta versu s-socjeta attrici;

Il-konvenut jghid li huwa jaf jaqra u ghalhekk il-konvenut mhux kredibbli meta qal li huwa ffirma d-dokument minghajr ma qrah. Lanqas ma hu kredibbli il-konvenut meta qal li hu ma kienx jaf x’fih id-dokument. F’dan ir-rigward jirrizulta li l-konvenut u s-socjeta konvenuta ghamlu zmien relativament twil jinnegozjaw mas-socjeta attrici a bazi tad-dokument in kwestjoni u tul dan iz-zmien kollu l-konvenuti bbenefikaw minn dak li kien il-kontenut tal-istess dokument. Il-konvenut jghid li kien  is-salesman tas-socjeta attrici li kien gablu d-dokument biex jiffirma u jghid li r-relazzjoni tieghu ma dan is-salesmen kienet wahda ta’ fiducja u ghalhekk kien fdah. Il-konvenut pero’ naaqas li jipproduci dan is-salesman bhala xhud. Il-konvenut jammetti li jista` jkun li huwa qara  malajr il-kontenut tad-dokument u ghalhekk ma fehemx sewwa

x`kien qed jiffirma. Barra minn hekk jidher li l-konvenut kien gia ffirma “Credit Application Form” ohra qabel ma ffirma din in kwestjoni;

Ma jirrizultax li hemm xi irregolarita’ ghar-rigward tal-mara tal-konvenut. In effett mill-istess dokument jidher li l-konvenut assuma l-obbligi tieghu anke ghan-nom ta’ martu;

Fil-kummerc hu necezzarju li jkun hemm il-fiducja bejn il-partijiet li qed jinnegozjaw u ghalhekk kull parti ghandha toqod ghall-obbilgi minnha assunti;

In vista tad dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jidu kollha akkoilti filwaqt li l-0eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom kollha jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billii fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta attrici u tikkundanna l-konvenuti solidament bejnithom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` tlett elef, disa` mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm3910.81,0) prezz ta` merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata u dana bl-imghaxxijiet kollha legali sad-data tal-pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

--------------------------------TMIEM--------------------------------